**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 t'Ottubru 2019**

**Talba Nru: 70/18 CZ**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) u Thomsa Smith Insurance Agency Limited (C 5637) bhala agenta ta' GasanMamo Insurance plc, u Stephan Micallef**

**vs.**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi mressqa fid-9 ta' Frar 2018 li biha premettew:

Illi l-awtorita konvenuta ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' seba' mija u sebgha u hamsin Euro u tmienja u hamsin Euro centezmi (€757.58) u dan skond survey report hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u l-imghaxijiet relattivi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali tas-16 ta' Frar 2016 rapprezentanti hlas ta' danni

sofferti minnhom per konsegwenza tal-incident li sehh fis-26 ta' Frar 2015 f'Dawret il-Gudja, meta l-vettura ta' Stephan Micallef CCA-313 sofriet hsarat wara li s-sewwieq sab pothole kbira fit-triq liema pothole ma kinitx issenjala [sic] u ma kien hemm xejn x'jigbed l-attenzjoni tas-sewwieq ghall-possibita' ta' periklu.

Bl-ispejjez inkuz taz-zewg ittri ufficcjali mibghuta dik tas-16 ta' Frar 2016, u ta' dik tal-14 ta' Novembru 2017.

B-ingunzjoni ghas-subizzjoni, illi ghaliha minn issa inti msejjah.

Ra r-risposta tal-awtorita' konvenuta mressqa fit-8 ta' Marzu 2018 li permezz taghha eccepiet:

Illi preliminarjament, ghandu jkun hemm korrezzjoni fl-okkju sabiex isem l-esponenti taqra 'l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta';

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' esponenti mhijiex responsabbli ghall-incident li allegatament sehh u ghad-danni allegatament sofferti;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespot, jinkombi fuq l-atturi li jaghmlu l-prova tad-danni allegati u konsegwentement id-danni reklamati qeghdin jigu kontestati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Ra illi b'digriet tat-12 ta' Marzu 2018 giet awtorizzata bidla fl-okkju fis-sens illi l-kliem 'Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta' inbidel mal-kliem 'Awtorita' ghat-Trasport f'Malta'.

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda tal-attur Stephan Micallef[1], PS 1401 Christopher Copperstone[2], John Callus[3], u Karen Cremona[4].

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta s-segwenti:

Illi l-attur Stephan Micallef kien qed isuq il-vettura CCA 313 f'Dawret il-Gudja, Gudja, vicin ir-roundabout qrib il-Palazz. Meta dar ir-roundabout, sab hofra li kienet mimlija bl-ilma u ha daqqa li biha l-karozza messet il-qiegh mal-art. Strettament, f'dan il-hin kollu, l-attur kien baqa' ghaddej ghad-dritt, izda lahaq

[1] Fol. 42
[2] Fol. 47
[3] Fol. 59
[4] Fol. 72

qabez ir-roundabout, bil-ghan li jdur fuq il-lemin tieghu, fid-direzzjoni lejn Hal-Ghaxaq.  Ghalkemm ma kinitx niezla xita, kienet ghamlet u kien hemm l-ghadajjar fit-triq.  Illi dan kollu gara bil-konsegwenza li kellhom jinbidlu tyre u anke l-windscreen.

Illi PS 1401 Christopher Copperstone ghamel referenza ghar-rapport lill-Pulizija li kien sar mill-attur hmistax wara l-incident u kkonfermah.

Illi permezz ta' nota, l-awtorita' konvenuta indikat li qed tikkontesta l-quantum tad-danni.

Illi John Callus, surveyor, ghamel survey fuq il-karozza in kwestjoni u kkonfermah. Xehed illi karozza bhal din, li kienet taqa' fil-limitu ta' dawk il-karozzi li ma jkunux ilhom hames snin li hargu fit-triq, kellhom jinstabulha parts godda u mhux second hand.  Xehed ukoll illi kien hemm bzonn jinbidel kemm it-tyre kif ukoll il-windscreen li xxaqqaq.

Illi Karen Cremona, ix-xhud tal-awtorita' konvenuta, qalet li ma jirrizultalhiex li dak iz-zmien tal-incident lill-awtorita' kienu dahlulha xi ilmenti dwar hofor fit-triq.  Il-vettura in kwestjoni kienet vettura mahruga fl-2010 u mportata mill-Ingilterra fl-2014.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi dan huwa incident li sehh meta l-attur kien ghaddej bil-karozza tieghu f'Dawret il-Gudja, il-Gudja, u gie kkawzat minn hofra li kien hemm fl-istess triq, li kienet mimlija bl-ilma u li l-attur incidentalment dahal fiha.  B'konsegwenza t'hekk inqasamlu t-tyre ta' quddiem u xxaqqaqlu l-windsreen tal-karozza tieghu.

Illi t-Tribunal ma jara li hemm l-ebda gustifikazzjoni min-naha tal-awtorita' konvenuta ghaliex it-triq ma kinitx mizmuma kif imiss, u minghajr periklu ghas-sewwieqa u l-karozzi. Ma jirrizultax illi fiz-zmien tal-incident kienu ghaddejjin xi xoghlijiet fl-istess triq, mizura li forsi kienet tesigi aktar prudenza min-naha tas-sewwieq. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi gustifikazzjoni ghal tali hofra. L-attur innifsu jixhed illi l-ghada tal-incident, din il-hofra kienet qed timtela'.

Illi kwantu ghall-kontestazzjoni tal-quantum tad-danni, it-Tribunal, wara li qies ix-xiehda tas-surveyor John Callus, jirrizultalu illi d-danni indikati fis-survey huma reali u kienu mehtiega sabiex issewwiet il-karozza.

Illi ghalhekk lit-Tribunal jirrizultalu li t-talbiet attrici jisthoqq li jintlaqghu.

Illi kwantu ghall-ispejjez tal-kawza, jirrizulta illi l-attur saru diversi tentattivi sabiex jittella' jixhed in kontro-ezami, li whud minnhom irrizultaw f'riferita negattiva, filwaqt li kien izda wkoll notifikat wara l-hin legali sabiex jixhed in kontro-ezami u baqa' ma deherx ghas-seduta tal-24 ta' Gunju 2019; l-ispejjez relattivi ghal tali notifiki ghandhom ghalhekk ikunu a kariku tal-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-awtorita' konvenuta u jilqa' t-talbiet tal-atturi, u jordna lill-awtorita' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sebgha u hamsin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€757.58), bl-imghax kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-awtorita' konvenuta, hlief l-ispejjez relattivi ghall-ingunzjonijiet a fol. 89, 92 u 93 tal-process li ghandhom jithallsu mill-attur Micallef wahdu.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur